Nru. 89

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 47 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp

L-AWTORITÀ ta' l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:–

Matmura
wara l-proprjetajiet li qegħdin fi Triq il-Warda,
Ħal Għargħur

(ara l-pjanta f'paġna 421) tista' tkun ta' valur storiku u arkitettoniku ħekk li għandha tkun inkluża fil-Lista ta' Proprjetà Skedata, skond it-termini ta' l-artikolu 46 ta' l-Att ta' l-1992 dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li tiġi demolita, danneġġata jew distrutta.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tal-proprjetà msemmija hawn fuq, skond artikolu 47 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà msemmija hawn fuq, għandha titqies bħala proprjetà ta' Grad 2, skond il-*Policy* UCO 7 tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valuri storiċi u arkitettoniċi tagħha.

(ii) L-ebda żvilupp ma jista' jsir fl-imsemmija proprjetà.

(iii) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra fuq il-proprjetà msemmija, li jistgħu jkunu permessi, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' l-Ippjanar b'konsultazzjoni mad-Dipartiment tal-Mużewijiet.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà tiġi demolita jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att. L-Att jahseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Il-31 ta' Jannar, 1997

No. 89

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 47 of the Development Planning Act, 1992

THE Planning Authority believes that the following property, namely:–

Fortified Barn
behind properties situated at Triq il-Warda
Għargħur

(see site plan on page 421) could be of architectural and historical value such that it should be listed as Scheduled Property in terms of section 46 of the Development Planning Act, 1992.

The Authority also believes that the property is in danger of being demolished, damaged or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with section 47 of the Development Planning Act.

(i) The above mentioned property is to be considered as a Grade 2 listed property as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of its architectural and historic value.


(ii) No development will be permitted to any part of the aforementioned property.

(iii) All developments, alterations or interventions on the above property, which might be permissible, must be approved in advance by the Planning Authority in consultation with the Museums Department.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this order.

If the property is demolished or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

31st January, 1997



PLANNING AUTHORITY

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map:- Min E50793, N75764 Max E509621, N759501

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

Title :-

Emergency Conservation Order

Barn. - off Triq il-Warda, Gharghur

Ref No. :- GF 699/96

Form No. :- MU003